**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 14 ta' Mejju 2024**

**Avviz Numru 176/2019**

**Daniel Refalo**

**Vs**

**Belev Valeri Rumenov**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat fl-14 ta' Awwissu 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasu s-somma ta' tlettax-il elf u hames mit ewro (€13.500) rapprezentanti prezz tal-bejgħ u xiri ta' vettura tal-marka Mercedes Benz E2220 Avantgarde CDI Saloon, bin-numru tar-reġistrazzjoni 'FCQ 829' u liema vettura kellha difetti latenti u minħabba f'hekk, l-attur qed jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ ai termini tal-Artikolu 1427 tal-Kapitolu 16 u li jirritorna l-vettura, liema vettura tinsab depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta' Ottubru 2019 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti :

*1. Illi, it-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur, stante li mhux minnu illi l-vettura mibjugħa lilu mill-konvenut, u cioè l-vettura tat-tip Mercedes Benz E220 Avantgarde CDI Saloon, bin-numru ta' reġistrazzjoni "FCQ 829" (il-"vettura"), hija milquta b'xi difetti latenti, okkulti jew moħbija;*

*2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Vettura in kwistjoni ma kienet afflitta minn ebda difetti okkulti jew latenti fil-mument tal-kompravendita jew fil-mument tal-kunsinnja, u kwalunkwe difett li rriżulta fil-vettura wara l-kunsinnja tagħha lill-attur ma kienx riżultat ta' xi difett latenti fil-mument tal-bejgħ jew kunsinnja;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, b'referenza għall-allegat diffett eżistenti fil-vettura kompravenduta, tali ħsara ma tistax tiġi attribwita lill-konvenut stante li l-allegata ħsara ma pre-eżistietx l-bejgħ u l-kunsinnja tal-istess vettura. Konsegwentement, kwalunkwe allegat difett attwalment eżistenti fil-vettura, qatt ma tista' tammonta għal difett okkulti, latenti jew moħbi, kif previst mill-artikolu 1424 et sequitur tal-Kap 16 u għalhekk il-konvenut m'għandux jinżamm responsabbli għal kwalunkwe ħsarat li setgħet ġarrbet il-vettura wara li ġiet mibjugħa u kkunsinnjata lix-xerrej (qua attur);*

*4. Illi speċifikament f'dan ir-rigward; kwalunkwe allegat difett li attwalment jeżisti fil-vettura tista' tiġi attribwita biss għal ħsara li żviluppat wara l-mument tal-bejgħ u l-kunsinnja, u tirriżulta unikament minn mal-użu jew użu traskurat tal-vettura magħmul mill-attur, jew min-nuqqas tiegħu li jmantni l-istess vettura f'kundizzjoni tajba. Kontrarjament, fil-mument tal-kompravendita tal-vettura, din kienet fi stat funzjonabbli sħiħ u tajjeb, u filfatt kienet ġiet iċċertifikata mill-VRT biss ftit granet qabel l-imsemmi bejgħ. Għaldaqstant il-bejjiegħ (qua konvenut) ma jistax jiġi tenut responsabbli għal kwalunkwe ħsara jew ħsarat li sofriet il-vettura wara l-mument tal-bejgħ u l-kunsinnja tal-istess vettura lix-xerrej (qua attur), u waqt li l-istess vettura kienet fil-pussess esklussiv tal-istess xerrej, u kwindi anke abbażi ta' tali premessi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.*

*5. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ l-attur naqas milli jindika speċifikament ix-xorta jew tip ta' difett li allegatament ssofri minnha l-vettura in kwistjoni, u dan in-nuqqas jimpedixxi lill-konvenut milli jiddefendi ruħu b'mod effettiv u adegwat għat-talbiet attriċi, u jippreġudika d-difiża tal-istess konvenut;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ta' kull azzjoni li tista' tispetta lill-konvenut naxxenti mill-aġir abbużiv tal-attur, inkluż*

*in-nuqqas tiegħu illi jirreġistra t-trasferiment tal-vettura mal-awtoritajiet rispettivi, inkluż Transport Malta.*

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda prodotti minnhom;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghal sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur mexxa bl-azzjoni odjerna peress li jsostni li l-vettura tal-ghamla Mercedes Benz E2220 giet mibjugha lilu mill-konvenut meta kienet afflitta minn difetti mohbija. Min-naha l-ohra l-konvenut jilqa' ghal din l-allegazzjoni billi jichadha u jishaq illi jekk il-vettura kellha xi hsarat, dawn zviluppaw wara li gie konkluz il-bejgh u ghaldaqstant hu m'ghandux jirrispondi ghalihom.

**PROVI**

**Alfred Refalo**, missier l-attur, xehed illi l-konvenut kien mar id-dar tieghu gewwa Ghawdex fejn sar in-negozju dwar il-vettura in kwistjoni mat-tifel tieghu. Spjega li ibnu kien staqsih jekk ghandux johodha ghand il-mekkanik tieghu, pero` l-konvenut assigurah li l-vettura ma kellha ebda problema, tant li kien ghadu kemm ghamlilha *service* tajjeb. Il-konvenut kien qal lil ibnu li l-bejgh kellu jigi konkluz dakinhar stess peress li ma kellux cans joqghod imur bil-karozza ghand il-mekkanik ta' ibnu li kien jinsab Malta.

In kontro-ezami x-xhud stqarr li ibnu nforma lill-konvenut li xtaq johodha ghand il-mekkanik tieghu, pero` l-konvenut qallu li m'ghandux ghalfejn. Spjega li l-konvenut insista li jithallas fi flus kontanti. Huwa sostna li meta wassal lill-konvenut lura il-port tal-Imgarr bil-vettura in kwistjoni ma sema' ebda hsejjes pero` stqarr li huwa kien saq bil-mod.

**L-attur Daniel Refalo** xehed illi kien ra l-vettura in kwistjoni fuq il-Facebook u eventwalment il-konvenut tela' biha Ghawdex fejn sar *test drive.* Il-vettura kienet tidher gdida u l-konvenut kien serrahlu mohhu li ghandu kollox kif suppost. Wara li nnegozjaw il-prezz, huwa ghaddielu l-pagament fi flus kontanti. Spjega li huwa kien xtara l-vettura l-Gimgha u t-Tlieta ta' wara kien tela' biha Malta fejn beda jisma' qisu hoss stramb. Ghalhekk baqa' sejjer ghand il-mekkanik tieghu li qallu li x'aktarx kellu l-inkwiet. Ghalhekk cempel lill-konvenut li mar fuq il-post u qallu li hu sewwa kien tahielu. Peress li l-mekkanik li mar ghandu kien naqra mhabbat, gie riferut ghand mekkanik iehor. Ghalhekk mar mal-konvenut ghand dan il-mekkanik, fejn wara li fetah il-magna qallu li kien hemm bzonn tinbidel il-magna. Il-konvenut beda jinnega li l-magna kienet hazina qabel ma bieghhilu u l-uniku soluzzjoni li offrielu kienet li jgiblu l-*parts* bi prezz irhis minn barra minn Malta. Il-mekkanik qal lill-konvenut li l-hsara li kellha l-magna ma kinitx xi haga li tigri mil-lum ghal ghada. L-attur spjega li kieku kien jaf b'dan id-difett ma kienx jixtriha.

In kontro-ezami l-attur spjega illi ma kienx minnu illi l-konvenut qallu biex jiehu l-vettura ghand mekkanik ghas-*service* u biex jiccekkjaha qabel jixtriha. Mistoqsi jekk bejn meta xtara l-vettura sa meta hadha ghandha il-mekkanik kienx ghamel madwar elf (1000) kilometru, huwa nnega. Huwa stqarr li meta ghamel it-test drive gewwa Ghawdex ma kienx sema' hsejjes, pero` stqarr li kellu l-muzika u l-iktar li kienu qed jiccekkjaw jekk kienx kollox jahdem u ma tax kaz il-magna ghaliex hu baqa' fuq il-kelma tal-konvenut li kollox kien sew.

**Brian Borg** xehed illi huwa mekkanik u jispecjalizza f'vetturi tal-ghamla Mercedes, Audi u Porsche. Spjega li l-vettura in kwistjoni kien spezzjonaha fil-presenza taz-zewg partijiet fejn sab li kellha cirka tliet centimetri zejt zejda. Fil-fehma tieghu dan sar sabiex jinheba l-hoss li kienet qed taghmel il-vettura. Huwa qalilhom li jekk fil-magna kien hemm il-frak tal-hadid, il-magna kienet kundannata. Fil-fatt huwa qala' l-filtru taz-zejtu u sab il-frak tal-hadid. Spjega li din it-tip ta' hsara ma tizviluppax mil-lum ghal ghada pero` trid xhur biex issir. Spjega li dak li sar biz-zejt zejjed kien *trick of the trade* biex jinheba l-hoss li kienet qed taghmel il-vettura kawza tal-hsara li kellha.

In kontro-ezami x-xhud stqarr li l-filtru taz-zejt qalghu fil-presenza taz-zewg partijietu sab il-*white metal* fih. Mistoqsi jekk hux possibbli wiehed jaghmel tragitt mill-Bulgarija ghal Malta bit-tip ta' hsara li kellha l-vettura in kwistjoni, ix-xhud wiegeb li iva, pero` iktar ma ssuq iktar ha ssir hsara ghaliex il-magna tigi nieqsa miz-zejt. Spjega pero` li huwa sab evidenza li l-*oil cooler* kien ga mar ghaliex sab zejt gol-kontenut tal-ilma tar-*radiator*. Spjega li ladarba taqa' l-pressjoni taz-zejt, il-magna tkun spiccuta. Fil-fehma tieghu ziduha z-zejt biex waslet Malta. Kompla jghid li l-*air cooler* kien inbidel u kien ghadu gdid. Kompla jispjega li peress li l-magna hija wahda li tahdem bid-*diesel* u ghalhekk hija storbjuza, biex tiddistingwi l-hoss tal-magna u c-cekcik li kellha l-magna kien difficli. Mistoqsi jekk din it-tip ta' hsara tistax tizviluppa f'gimgha, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv, pero` kompla jghid li l-fatt li kellha madwar tliet (3) centimetri zejt zejjed jindika li dan intefa' biex jahbi l-hoss.

.

**Il-konvenut Belev Valeri Rumenov** xehed illi fl-2019 kien il-Bulgarija u beda jfittex vettura biex jixtriha u jgibha Malta. Meta sab il-vettura in kwistjoni, huwa mar jaraha u ma sab ebda problemi fiha. Huwa hadha ghand il-mekkanik gewwa l-Bulgarija li kkonferma li ma kellha ebda difetti. Il-vettura nstaqet ghal Malta minn habib tieghu, certu Hristo Hristev. Malli waslet hawn Malta huwa hadha ghall-VRT fejn giet certifikata li kienet tajba ghat-triq. Wara ftit taz-zmien iddecieda li jbieghha stante li s-siehba tieghu kienet tqila bit-tieni wild taghhom u ghalhekk ried vettura li taqdi iktar il-htigijiet ta' familja. Ghalhekk huwa beda jirreklamaha u l-attur wera nteress u qallu li kellu bzonn jixtri karozza sal-ahhar tal-gimgha peress li l-wahda li kellu kienet se tigi skreppjata. Ghalhekk huwa baghtlu l-informazzjoni kollha tal-vettura u ritratti taghha u qallu li jekk kien qed jikkunsidra jixtriha bis-serjeta`, seta' jitla' biha Ghawdex biex jaraha. Wara li tkellmu, huwa tela' biha Ghawdex u l-attur spezzjonaha u ghall-ewwel beda jahsibha ftit ghax kienet *manual*. Wara xi hin l-attur rikeb fil-karozza u talbu jmur mieghu ghal dawra. Il-konvenut xehed illi l-attur beda jsuq b'mod negligenti got-toroq dojoq ta' Ghawdex bhal li kieku kien qed isuq xi vettura tat-tlielaq. Wara xi hin waqaf go pjazza u qallu li kien gej missieru u mill-ftit li seta' jifhem kienu qed jitkellmu fuq il-kwistjoni li l-vettura

kienet *manual*. Wara ftit l-attur qallu li in vista li l-vettura kienet *manual* kien se joffrilu hdax jew tnax-il elf ewro. Huwa qallu li ma setax jinzel inqas minn erbatax-il elf u hames mitt ewro, u cioe` l-prezz li kienet reklamata bih. Ghalhekk huwa telaq u fit-triq lejn il-vapur t'Ghawdex cempillu l-attur u offrielu tlettax-il elf u hames mitt ewro. Il-konvenut stqarr li l-vettura kien xtraha originarjament tlettax-il elf u seba' mitt ewro u ghalhekk kien lest li jinnegozja b'dak il-prezz. Ghalhekk rega' saq lura. Meta wasal, l-attur talbu jidhol id-dar tieghu fejn kien hemm ukoll missieru. Huwa qalilhom biex jiehdu l-vettura ghand mekkanik biex jiccekkjalha l-*coolant,* il-brejkijiet, iz-zejt tal-magna u l-kundizzjonali generali taghha. Huwa ssuggerixxa li l-attur jaghtih depozitu u jiltaqghu it-Tnejn ta' wara Malta biex jiffinalizzaw il-bejgh. Madanakollu l-attur issugerixxa li jhallsu l-prezz kollu dak il-hin u hu jiffirmalu l-*log book* u b'hekk seta' jhallilu l-karozza. Wara xi hin l-attur gab borza mimlija flus kontanti. Huwa hassu skomdu jdur b'dawk il-flus kollha fuqu u ghalhekk cempel habib tieghu biex jigbru mic-Cirkewwa wara li missier l-attur wasslu sal-port tal-Imgarr.

Il-konvenut spjega li xi gimgha wara huwa rcieva telefonata minghand l-attur fejn infurmah li kellu problema bil-vettura u qallu li l-gurnata ta' qabel meta kien hiereg minn Portomaso kien sema' hoss qawwi wara li kien accellera xi ftit izzejjed. L-attur qallu li kien cempel lill-mekkanik li qallu biex johodlu l-vettura l-ghada. Huwa qallu wkoll illi l-ghada, waqt li kien qed isuq mic-Cirkewwa, beda jisma' hoss stramb u baqa' sejjer ghand il-mekkanik fejn dan tal-ahhar qallu li kellu problema sejra u kien ikun ahjar li jcempillu. Ghalhekk huwa mar ghand il-mekkanik tal-attur u gie nfurmat li l-magna kellha l-hsara. Il-mekknik fetah il-*bonnet* fejn seta' jinstema *a faint rattling noise*. Meta sema' dan il-hoss, il-mekkanik qallu li l-magna kienet spiccuta. Il-konvenut qallu li ma setax jasal ghal din il-konkluzzjoni minghajr ma jaghmel spezzjoni sew. Madanakollu l-mekkanik staqsa min kien se jhallas ghal tali spezzjoni. Il-konvenut qallu li l-vettura kienet tal-attur u li ghalhekk hu kellu jhallas. Il-mekkanik qallu li kien jaf x'qed jghid u akkuzah li kien biegh vettura difettuza. L-attur talbu jaghtuh lura tlettax-il elf ewro pero` huwa ma qabilx ghaliex fl-opinjoni tieghu kien tah il-vettura fi stat tajjeb. Huwa nnota li minn meta bieghlu l-vettura, l-attur kien saqha ghal madwar elf (1000) kilometru.

Sussegwentement, l-attur issugerixxa li jmorru ghand mekkanik iehor biex igibu opinjoni ohra. Fi triqithom lejn dan il-mekkanik, il-hoss fil-magna zdied. Meta waslu, il-mekkanik nehha l-filter taz-zejt u urihom bicciet tal-*bearings* maqlughin goz-zejt. Spjega li huwa beda jhoss li z-zewg mekkaniks li raw il-vettura kienu miftehmin mal-attur biex jikkonvincuh jaghtih il-flus lura. Spjega li l-mekkanik l-ewwel qallu li din il-problema ma setghetx tissewwa u mbaghad qallu li biex tirranga l-problema riedet tinbidel il-magna bi spiza ta' bejn seba' u disat elef ewro.

In kontro-ezami l-konvenut xehed illi ftit tal-jiem wara li rregistra l-vettura hawn Malta huwa poggiha ghall-bejgh. Spjega li din id-decizjoni hadha ghaliex is-siehba tieghu riedet vettura ikbar. Mistoqsi jekk riedx ibiegh il-vettura wara li nduna li kellha l-problema, huwa nnega li dan kien il-kaz. Mistoqsi jekk kienx offra lill-attur biex jiehdu ghand il-mekkanik tieghu wara li nqalghu il-problemi, huwa stqarr li kien offrielu pero` ma ftakarx x'kienet ir-reazzjoni tal-attur. Mistoqsi jekk kellux ghagla biex ibiegh din il-vettura, huwa wiegeb li le. Mistoqsi kif allura bieghha bi prezz relattivament irhis meta vetturi simili kienu qed jinbieghu hafna iktar, huwa spejga li huwa kien kuntent li jdahhal l-ammont li huwa kien hareg ghaliha biex xtraha u gabha hawn Malta.

**Hristo Hristev** xehed illi huwa kien habib tal-konvenut u ilu jghix hawn Malta mill-2004. Fl-2019 il-konvenut kien talbu biex inizzillu l-vettura in kwistjoni mill-Bulgarija. Dan it-tragitt kien wiehed minghajr problemi. L-uniku haga li sehhet kienet li fil-fruntiera mal-Grecja, giet imnehhija bicca *plastic guard* minn taht il-*mudguard* waqt li kien qed isir l-iccekkjar ta' rutina. Meta wasal Malta, huwa ha l-vettura mill-ewwel ghand il-konvenut.

**Ikkunsidrat :**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jittenta l-azzjoni redibitorja u ghalhekk qed ifittex lill-konvenut ghall-prezz tal-bejgh ta' vettura *second hand*, liema bejgh sar fid-19 ta' Lulju 2019 wara li l-konvenut tela' bil-vettua Ghawdex fejn jghix l-attur. Jirrizulta illi l-attur mar dawra bil-vettura u, wara xi hin jinnegozjaw, hu u l-konvenut akkordaw fuq il-prezz, liema prezz

thallas fi flus kontanti. Wara xi jiem l-attur sema' xi hsejjes fil-vettura u mar ghand mekkanik li nfurmah li kellu problemi serji fil-magna. Ghalhekk ikkomunika mal-konvenut, li mar ghand il-mekkanik fejn ha l-vettura l-attur, u fil-presenza tieghu qala' l-*filter* taz-zejt u sab xi frak tal-hadid li, skont l-istess mekkanik, kien jindika li l-magna kellha problema kbira.

Illi fir-rigward tal-azzjoni redibitorja fir-rigward ta' oggetti uzati, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Joseph Bonanno et vs Raymond Dimech*** tat-12 ta' Jannar 2005 fejn intqal is-segwenti, u cioe` :

*Jirrizulta b' mod espress mill-korp ta' l-avviz illi l-azzjoni sperimentata mill-atturi appellati hi dik redibitorja jew in garanzija akkordata mil-ligi lix-xerrej bl-Artikolu 1424, Kodici Civili, bl-iskop li tipprotegih kontra l-obbligu tal-venditur li jikkonsenjalu l-oggett vendut minghajr difett li ma jidherx;*

*L-imsemmija disposizzjoni giet imfissra illi "a dar vita alla garanzia che il venditore deve al compratore pei vizi occulti della cosa venduta, occorre che tale vizi presentino una certa gravita la cui misura è determinata dalla legge in base a due criteri, l' uno obbiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all' uso cui è determinata, ovvero nella semplice diminuzione di tale uso; l' altro subbiettivo che si trae dalla presumibile intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto il vizio al tempo della compra o non si sarebbe indotto ad acquistare la cosa, oppure acquistandola, non ne avrebbe offerto il prezzo pattuito"* ***(Kollez. Vol. XXIV P I p 981; Vol. XXVII P III p 454)****;*

*Mill-precitata silta jemergu zewg aspetti. Il-wiehed illi d-difett irid ikun per forza ezistenti fil-mument tal-bejgh (ara wkoll* ***Kollez. Vol. XXXVII P II p 742; Vol. XLI P II p 1198****). L-iehor hu dak li jigi mhares l-interess tax-xerrej kontra xi ingann jew kontra l-vizzju li jirrendu l-oggett mhux tajjeb ghall-uzu tieghu ossija inadatt ghall-uzu li ghalih il-haga hi destinata;*

*Precizat is-suespost wiehed irid izomm in vista l-fatt illi hawnhekk si tratta ta' bejgh ta' vettura 'sekonda man' u allura l-adattabilita` u l-bonta` taghha ghandha jkollha korrispondenza*

*ma' dak ragonevolment mistenni minn oggett mixtri second hand u bil-prezz li jkun inxtara. Wiehed logikament jistenna li f'oggett hekk mixtri dan ikollu, anke jekk mhux necessarjament u dejjem, certi mankamenti, pjuttost facilment konstatabbli b'ezami superficjali. Naturalment dan ma jfissirx illi oggett 'sekonda man' ma jistax ikollu wkoll difetti mohbija jew li jaghmel l-azzjoni de qua mhux applikabbli ghalih, jekk ma jkunx jirrizulta illi l-venditur zvesta ruhu mill-obbligu tal-garanzija tal-haga mibjugha, sostrat dan krejat mill-presunzjoni stabbilita` fl-Artikolu 1378, Kodici Civili;*

*Dan premess, fis-sentenza riportata a* ***Vol. XXXV P I p 307****, trattasi wkoll minn bejgh ta' vettura, il-Qorti hemm irriteniet li, f' materja ta' din ix-xorta, il-punti li jridu jigu ezaminati huma dawk elenkati infra:-*

*1. Did the defect in question – if there be any defect – exist at the time of the sale;*

*2. Was it apparent or latent;*

*3. If latent, when was it possible for plaintiff to discover it?*

*Adoperati dawn l-istess kweziti ghal kaz in diskussjoni, ma jidherx li huwa kkontestat, illi l-vettura mixtrija mill-atturi kienet affetta minn difett. Il-vera kontestazzjoni tikkoncerna f' dan il-kaz ix-xorta ta' difett, u cjoe, jekk dan kienx apparenti jew mohbi. Materja din li certament tiddependi mill-apprezzament tal-fatti;*

*Jinghad a propozitu fis-sentenza a* ***Vol. XXXIV P II p 612*** *illi "il-vizzju huwa redibitorju meta, fil-waqt tal-kontrattazzjoni jew tar-ricezzjoni tal-haga akkwistata, il-haga ma tipprezentax tracci li jirrilevaw l-ezistenza ta' difetti li xerrej medjokrement attent u diligenti ma jkunx jista' jaghrafhom u jivvalutahom wahdu. Id-difett jista' jkun mohbi wkoll jekk ma jkunx jista' jimmanifesta ruhu hlief bl-uzu tal-haga";*

*Invece jekk id-difett ikun jidher jew ix-xerrej seta' jsir jaf bih wahdu l-venditur mhux tenut iwiegeb ghalih (Artikolu 1425, Kodici Civili). Li jfisser li "il venditore non è tenuto pei vizi che*

*possono essere rilevati per mezzo della semplice visione della merce, o per altre circostanze estrinsiche, allorche` queste sono tali da dovere eccitare particolarmente l' attenzione del compratore" **(Kollez. Vol. XV p 316);***

*Ragonevolment, kif jinsab ukoll deciz, "in-natura apparenti jew okkulta tal-vizzju ghandha tigi konsidrata in rapport tal-kapacita` u konjizzjoni komuni tal-bniedem, u mhux bizzejjed biex vizzju jigi ritenut apparenti c-cirkostanza li s-sussistenza tal-vizzju tista' tigi rilevata minn bniedem ta' l-arti jew perit" **(Kollez. Vol. XXXVIII PI p 279);***

Illi l-verzjoni moghtija mill-attur u mill-mekkanik tieghu hija li l-hsara kienet diga tezisti meta sar il-bejgh. Tant hu hekk li skont il-mekkanik Brian Borg, qabel sar il-bejgh gie mizjud iz-zejt biex il-hoss li kienet qed taghmel, u li jindika l-hsara fil-magna, jigi minimizzat. Min-naha l-ohra, il-konvenut sahaq illi l-vettura kienet fi stat tajjeb meta bieghha lill-attur, u l-hsara zviluppat fil-jiem ta' wara l-bejgh. Madanakollu ma ta ebda spjegazzjoni plawsibbli kif l-*oil filter* kellu cirka tliet (3) centimetri zejt zejda.

Illi ebda wahda mill-partijiet ma talab ghall-hatra ta' Perit Tekniku biex jirrelata dwar il-hsara fil-vettura. Flimkien ma' rikors ipprezentat fl-4 ta' Mejju 2022, il-konvenut annetta rapport ta' certu Lino Grima u Kevin Caruana, sidien ta' Mechanical Service f'Burmarrad, fejn irrelataw li ma setghux jaghmlu dawk l-ezamijiet necessarji fuq il-vettura stante li xi *modules* taghha kienu gew imnehhija u kwindi ma setghux jivverifikaw kienx hemm problemi teknici.[1]

Illi kwindi sabiex tigi rizolta din il-kwistjoni, il-Qorti se tibbaza ruhha esklussivament fuq apprezzament tax-xhieda prodotti fil-kors ta' din il-kawza.

Illi jirrizulta illi l-vettura ngabet hawn Malta fis-6 ta' Lulju 2019.[2] Minn dak li xehed il-konvenut din il-karozza gabha hawn Malta mill-Bulgarija biex taqdi l-bzonnijiet tal-familja tieghu. Madanakollu s-siehba tieghu ma ghogbitiex u wara xi jiem li

---

[1] Dokument RA a fol. 119
[2] Dokument A a fol. 108

waslet hawn Malta poggiha ghall-bejgh fejn gie kkuntattjat mill-attur u tela' biha Ghawdex biex jurihielu. Dwar x'gara Ghawdex hemm kunflitt fix-xhieda tal-partijiet. Filwaqt li l-attur jghid li l-konvenut serrahlu mohhu li kellha kollox sew u li ma kienx hemm ghalfejn johodha ghand mekkanik biex jiccekkjaha, il-konvenut jghid li offrielu johodha ghand mekkanik, jaghtih depozitu u jergghu jitkellmu t-Tnejn ta' wara. Madanakollu l-Qorti tqis li x-xhieda tal-attur ghandha iktar mis-sewwa ghaliex mix-xhieda tal-konvenut, il-Qorti hadet l-impressjoni li ma kellux hin x'jitlef u li ried jikkonkludi l-bejgh dakinhar. Ghalhekk, il-Qorti hija iktar propensa li temmen il-verzjoni tal-attur, u cioe` li l-konvenut serrahlu mohhu li l-vettura kellha kollox sew u li ma kellu ghalfejn johodha ghand ebda mekkanik.

Illi kif inghad iktar 'il fuq, biex tirnexxi l-azzjoni ttentata mill-attur, l-attur jinhtieglu jipprova s-segwenti elementi bazici, u cioe` :-

1. Id-difett fil-vettura kien wiehed serju u ta' certu gravita` ;
2. Li d-difett kien pre-ezistenti ghall-bejgh jew ezistenti fil-mument tal-bejgh.

Illi ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni illi d-difett li kellha l-vettura kien wiehed serju hafna, tant hu hekk li l-mekkanik Brian Borg spjega li trid tinbidel il-magna tal-vettura, liema operazzjoni tirrikjedi spiza konsiderevoli. Jibqa' ghalhekk li jigi analizzat jekk id-difett riskontrat fil-vettura kienx ezistenti fil-mument tal-bejgh. Hawnhekk il-verzjonijiet huma konfliggenti ghall-ahhar, bl-attur jghid illi d-difett irriskontrah mal-ewwel darba li saqha kemmxejn fit-tul, filwaqt li l-konvenut jghid illi l-istess vettura nstaqet mill-Bulgarija sa Malta minghajr ma tat ebda problemi jew uriet ebda sinjali ta' hsara.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tistrieh fuq l-opinjoni teknika *ex parte* ta' Brian Borg. Ghalkemm dan it-tekniku gie nkarigat mill-attur, madanakollu, fil-fehma tal-Qorti ta sjegazzjoni plawsibbli ghala huwa probabbli li l-hsara kienet pre-ezistenti ghall-bejgh tal-vettura. Il-fehma tieghu hija korroborata bil-fatt illi sab madwar tliet (3) centimetri zejt zejjed fil-filter taz-zejt. Maghdud ma' dan hemm il-fatt li l-konvenut biegh il-vettura fi ftit jiem minn meta waslet hawn Malta.

Minkejja li huwa spjega li dan il-pass hadu ghax is-siehba tieghu ma kinitx kuntenta biha ghax ma kinitx taqdi l-htigijiet tal-familja, huwa ma pproduciex lis-siehba tieghu biex tikkonferma dan u tispjega iktar fid-dettall ghaliex wara li ha dik l-isbriga kollha biex igib din il-vettura mill-Bulgarija, liema mudell hija kienet konsapevoli tieghu, hija dawwret fehmitha u ma ridithiex. Illi ghalkemm fit-trattazzjoni orali, d-difensur tal-konvenut jghid li huwa ha l-vettura ghand mekkanik gewwa l-Bulgarija qabel gabha Malta, ma jirrizultax li dan ix-xhud gie prodott biex jikkonferma dan kollu. Ghalkemm il-konvenut stqarr ukoll li sar « service sostanzjali » u sar il-VRT tal-vettura meta waslet hawn Malta, ma ngabet ebda prova dwar dan kollu. Illi prova konkreta li kienet tilghab favur it-tezi tal-konvenut kienet tkun ix-xhieda tal-persuna li ghamlet is-*service* u l-VRT fuq il-vettura in kwistjoni hawn Malta. Madanakollu din il-persuna, ghalkemm identifikata b'isimha fl-affidavit tal-konvenut, ma gietx prodotta bhala xhud.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi kollha, hija tal-fehma illi fil-mument tal-bejgh, il-vettura in kwistjoni kienet afflitta minn difett, liema difett kien jaf bih il-konvenut u li pero` zammu mistur mill-attur. Kwindi, l-attur ghandu jigi rifuz il-prezz imhallas lill-konvenut.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ghaldaqstant:

1. Tirrixxindi l-kuntratt ta' bejgh u xiri li sar bejn il-partijiet tal-vettura tal-marka Mercedes Benz E2220 Avantgarde CDI Saloon bin-numru ta' registrazzjoni FCQ 829;
2. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf u hames mitt ewro (€13,500) rapprezentanti prezz tal-bejgh u xiri tal-imsemmija vettura;
3. Tordna lill-attur jirritorna lura l-vettura msemmija u lill-konvenut jiehu l-pussess lura tal-istess vettura.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut, hlief dawk relatati mad-drittijiet tal-konsenjatarju, in vista li mill-atti jirrizulta illi

l-kunsinnatarju ma esegwiex l-obbligi tieghu skont il-Ligi, u dan minghajr ebda pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni li jista' jkollhom il-partijiet fil-konfront tal-istess kunsinnatarju.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza in vista li hafna mid-dewmien li kien hemm f'din il-kawza kien proprju dovut ghall-fatt li ma setax isir access htija tan-nuqqasijiet tal-kunsinnatarju.

_______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

___________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**